# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 24**

**Avviz numru 1816/99/SM**

**Fogg Insurance Agencies limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha John Desira abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess John Desira.**

**vs**

**Fr. Pulius Mair**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' seba' mija u sitta u sebghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (LM776.13,0), in kwantu ghal sitt mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm674.13,0) jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha John Desira u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istes socjeta' attrici, u in kwantu ghal sebgha u sebghin Lira Maltin (Lm77.00,0) lill-attur John Desira, ammont rapprezentanti d-dannu lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00,0) ammont rapprezentanti excess payment li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtombolistiku li sehh fil-21 ta' Marzu 1999 ghall-habta ta' l-5.30 a.m. gewwa Triq Sant Anna, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MNG 750, propjeta' ta' l-attur John Desira u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni EAG-067, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja ta' 2 tra' Gunju, 1999, u dawk ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera AXA Insurance p.l.c. u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat t-18 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident imsemmi kien wiehed "hit and run" fejn fil-fatt il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MNG 750 dahlet fuq il-vettura EAG 067 ul baqghet sejra u ghall-liema incident Doreen Desira kienet unikament responsabbli;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tas-6.00 a.m. tal-Hadd il-21 ta' Marzu ta' l-999 u fih kienu involuti l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni EAG-067 misjuqa mill-konvenut u dik tal-marka Volkswagon Polo bin-numru ta' registrazzjoni MNG-750 misjuqa minn Doreen Desira;**

**2. Illi meta l-konvenut hareg minn Triq Robert Sammut ghal Triq Sant'Anna u waqt li kien fil-karreggjata tan-nofs, il-konvenut jigi milqut minn wara, in-naha tal-mudgard tal-lemin;**

**3. Illi bl-impatt, il-vettura tal-konvenut daret wiccha n-naha opposta ghal dik li kien sejjer fiha;**

**4. Illi l-vettura li kienet il-kawza ta' dan l-incident baqghet sejra b'disprezz kbir ghall-hajja li pperikolat;**

**5. Illi pero' l-vettura de quo giet eventwalment rintraccata mill-pulizija;**

**Ikkonisdrat:**

**Illi jidher abbundantement ovvju li l-kawza ta' l-incident de quo kienet l-istess Doreen Desira li mhux biss jirrizulta li kienet qed issuq b'imprudenza u b'negligenza, imma jirrizulta wkoll li kienet qed issuq b'velocita' tassew eccessiva, tali li ddawwar vettura ohra u tpoggiha thares f'direzzjoni opposta ghal dik li kienet originarjament miexja fiha;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tiehu wkoll l-opportunita' tikkundanna lill-istess Desira talli naqset lil tippresta l-ajjut f'cirkostanzi bhal dawn, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**